# ĦOLQIEN

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

Fil-bidu kien Hu, waħdu,
il-ħsieb li ma jaqtax;
jimla l-wesgħat bla tmiem
tal-ispazju mudlam;
u ħassu għajjien,
waqt li gerrbu l-miljuni tas-snin,
għad li minnu nnifsu l-bidu u t-tmiem.

Biex jehda mit-titwib tal-ispirtu għajjien,
bħal tfajjel miġruħ,
beda jilgħab:
Ħoloq ġugarelli: t-trab tal-ispazju,
il-kwiekeb iduru fuq fus dwar xulxin,
u strieħ mill-għeja u t-titwib
xħin ra kollox qed joqgħod għal fehma tal-ħsieb
li kien Hu.

U dehru ħwejjeġ tal-għaġeb kullimkien:
id-dlam stenbaħ u ċċarrat
bid-dwal u bl-ilwien.
Biss ħliefu ħadd ma kien hemm biex jarahom;
u gerrbu l-miljuni tas-snin
tul il-kurituri tad-dwiem,
u rega' t-titwib tal-ispirtu għajjien.

Imkabbar b'għemilu setgħan,
bħal pittur jew skultur
li jagħġen mit-trab
dehriet li jsaħħru l-għajnejn
ried
li jkun hemm min jagħraf il-fehma w il-ħsieb;
min isib u jinqeda bil-fehma w bil-ħsieb;
min jagħraf is-setgħa
li tagħġen ix-xejn
u twelled is-seħer
li jgħammex l-għajnejn!

U tul il-miljuni tas-snin
li gerrbu fil-kurituri tad-dwiem,
fantas il-ħolqien
ta' ħlejqa bir-ruħ u bil-moħħ
bir-rieda w bil-ġmiel.
Ħareġ trab'oħra mix-xejn,
qegħ'dha fil-wisa' titħarrek u ddur
immejla kemm kemm fuq il-fus,
bogħ'd kemm jeħtieġ mill-blalen tan-nar;
dawwarha bis-saffi tal-arja għan-nifs,
u taha ilma ġieri kullimkien.
Meta żejjen kemm felaħ u ra li kollox kien sew,
laqqa' trabijiet flimkien
u feraħ
xħin rahom jitħarrku fl-ilmijiet,
jinqdew bil-fehma u bil-ħsieb li kien Hu,
biex jikbru u joktru w jiżdiedu kullimkien . . .

U gerrbu l-miljuni tas-snin
u dehret il-ħdura ssebbaħ kullimkien
fuq iġbla w witgħat.
U taħt il-ħdura w ġo fiha,
bdew jitħarrku ħlejqiet u jiġru,

jilagħbu, joqomsu w ħelwin
xi daqqiet jitqatlu mġelldin
bla ħsieb, bla fehma, bla rieda.

U gerrbu l-miljuni tas-snin,
u bil-fehma w bil-ħsieb li kien Hu,
il-ħsieb, il-fehma w ir-rieda
tnisslu f'Adam,
li stenbaħ xħin ried il-Ħallieq
u ħares, stagħġeb, twaħħax, issaħħar,
tgħallem ftit ftit,
u kien xbieha tiegħu
bil-fehma, bil-ħsieb, bir-rieda w bir-ruħ.
U feraħ il-Ħallieq
u t-titwib tal-ispirtu ħallieh,
u iktar issaħħar xħin ra
kif in-nisel t'Adam
medd it-toqol tal-ħsieb
għall-art, u ftit ftit
sab l-għerf li kien fih
u nqeda bil-fehma w bil-ħsieb li kien Hu
biex joħroġ fil-wisa' tal-wesgħa tad-dwiem,
u feraħ, u feraħ u feraħ,
u mtela bis-sliem!

Settembru, 1969.